MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 1158/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**VS**

**MARK SCERRI**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mark Scerri, bin Joseph u Maria Rosaria nee' Thomas, imwieled Pieta' nhar l-1 ta' April, 1977, residenti 'Redentur', Triq il-Qaliet, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 178977 (M);

Talli:

Nhar it-8 ta' Ottubru, 2010, minn gewwa 'Swan Laundry', fi Triq ta' l-Ibragg, Ibragg, Swieqi, ghall-habta ta' 15:00hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, li taw bidu ghall-esekuzzjonitad-delitt, billi bil-hsieb li jikkommetti serq ghad-dannu ta' Rosaria Sammut, mis-Swieqi, u/jew persuni ohra, ta' aktar min elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2, 329.37), liema tentattiv ta' serq huwa aggravate bil-mezz, bil-lok u bil-valur u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

Kif ukoll, ikkommetta delitt fil-perjodu operattiv tal-Probation Order, imposta fuqu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta.

Wara li ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza kien tentattiv ta' serqa minn hanut f' tal-Ibrag, Swieqi. L-imputat ipprova jisgassa bieb tal-hanut fil-hin li l-istess hanut kien maghluq ghall-pubbliku, izda ma rnexxielux jisgassa l-bieb. Inoltre, hu gie identifikat sew mil-persuna li kienet gewwa l-istess hanut. Harab minn fuq il-post, izda nqabad ftit tal-hin wara. Ma kien lahaq seraq xejn minn dan il-hanut.

Bl-ammissjoni tieghu, il-Qorti qed issib lill-imputat hati, u sejra tghaddi ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-artikoli 41 (1)(a), 261 (b)(c)(e), 263, 264, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni ma thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi imputat Mark Scerri, hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tikkundannah ghal sena prigunerija.

Din il-Qorti, spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------